**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 245/2015**

**Emanuel Grech**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**
**Avukat Generali**
**Rita Grech (K.I. 303182M)**

**Illum, 16 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tal-attur li talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu:

> "flimkien u solidament bejnithom is-somma kumplessiva ta' disa' t'elef Ewro (€9000) rappreżentanti (a) is-somma ta' sebat elef u mitejn Ewro (€7200), telf ta' tmintax-il xahar kiri ta' l-appartament sitwat 89, Cindy, Triq l-Isbark tat-Torok Birzebbugia u (b) is-somma ta' elf u tmien mija (€1800) spejjes ta' l-avukat liema dannu sar minnkom minħabba li illegalment, abbusivament u/jew b'negligenza istitwejtu kawża fl-ismijiet 'Pulizija (Spettur Kevin

Pulis) vs Emanuel Grech' kontra r-rikorrenti u fejn liema kawża ġiet deċiża fis-27 ta' Ġunju, 2014 mill-Maġistrat Audrey Demicoli fejn l-proċediment ġie iddikjarat eżawrit fil-konfront ta' Emanuel Grech, u dan oltre l-imgħax legali u spejjeż ta' ittra uffiċjali 2984/14 datata 3 ta' Settembru, 2014."

Rat ukoll ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali li tghid hekk:

"(I) Illi in linea preliminari, l-intimat Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur għall-azzjoni odjerna fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li dak li qed jintalab permezz tat-talbiet kif dedotti ma jaqax fil-mansjonijiet tiegħu;

(II) Illi in linea preliminari, il-Kummissarrju tal-Pulizija lanqas m'hu l-legittimu kontradittur għall-azzjoni odjerna fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 stante li mhux responsabbli għall-lanjanzi kif dedotti fil-kawża in kwistjoni u konsegwentment għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm xejn fil-kawża li jista jagħmel lill-intimat Kummissarju responsabli għal xi nuqqas fil-konfront tal-attur;

(III) Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijet u l-pretensjonijet tar-rikorrent huma kollha infondati u fid-dritt fil-konfront tal-esponenti kif se jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża u għandhom jiġu miċħuda in kwantu insostenibbli għar-raġunijiet segwenti, u qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għas-suespost:

i. Illi l-kwadru tal-fatti kif impost mir-rikorrenti huwa wieħed li ma jurix il-perspettiva korretta tal-fatti rilevanti u għalhekk huwa svijanti;

ii. Illi l-esponenti intimati jopponu t-talbiet kif avvanzati fl-Avviz odjern fil-konfront tagħhom bħala insostenibbli stante li l-Uffiċċjali tal-Pulizija konċernati svolġew l-investigazzjoni u l-prosekuzzjonu tal-kaz tal-attur skont il-liġi u dejjem agixxew fil-parametri tal-liġi;

iii. Illi fir-rigward tal-ewwel talba kif dedotta fil-kawża, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent qed jippretendi li l-konvenuti iħallsu flimkien u solidament bejniethom is-somma ta' sebat elef u mitejn Ewro (€7200) telf ta' tmintax-il xahar kiri tal-appartament sitwat 89, Cindy, Triq l-Isbark tat-Torok Birzebbugia bla ma tingħata spjegazzjoni xierqa għaliex dan l-ammont qed jiġi pretiz. Illi għalhekk din it-talba hija karenti minn motivazzjoni u għandha tiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti;

iv. Illi l-esponenti jirribattu li l-pulizija ezekuttiva għandha d-dmirijiet u l-obbligi tagħha li jemenaw mill-Artikolu 346 tal-Kap 9 f'każ li jiġi riskontrat reat. Fil-fatt, il-Kummissarju tal-Pulizija għandu is-setgħa u d-dmir li permezz tal-Uffiċċjali tiegħu, iżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku; li ma jħallix li isiru reati; li jikxef u li jinvestiga r-reati li jsiru; li jiġbor il-provi kontra jew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat u li jġib il-ħatjin; kemm l-awtur kif ukoll il-kompliċi quddiem l-awtorita ġudizzjarja. Inoltre, il-pulizija għandhom id-dmir li jinvestigaw u jieħdu l-azzjoni neċessarja skont il-liġi ta' kull reat li jinġieb a

konjizzjoni tagħhom. Għalhekk, iċ-ċirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda għemil da parte tal-esponenti Kummissarju u/jew tal-Avukat Generali li mhux skont il-provvediment tal-liġi;

v. Illi għandu jiġi ippreċizat li l-Qorti tal-Maġistrati li kienet qed tisma' l-każ in kwistjoni iddikjarat il-proċediment eżawrit fil-konfront tal-attur u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-każ; partikolarment minħabba li l-missier tal-minuri li kellu l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, illum separat minn mal-omm, irtira l-kwerela li kienet ippreżentat l-omm tal-minuri fil-konfront ta' missieru stess, fejn irriżulta mill-imsemmija deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju, 2014, li fit-28 ta' Novembru, 2012 l-konvenuta l-oħra fl-azzjoni odjerna Rita Grech, kienet għamlet rapport fl-Għassa tal-Ħamrun fejn sostniet li waqt li kienet qed tezżercita l-access kontrollat taż-żewġt itfal minuri tagħha ta' sitta u seba' snin rispettivament fl-Aġenzija Appoġġ, fejn kienu preżenti s-supervisors tal-Appoġġ, il-minuri fost affarijiet oħra bdew jagħmlu ċertu azzjonijet indiċenti u qalu lil ommhom li dawn l-affarijiet kienu rawhom fuq dvd waqt li kienu għand in-nannu patern. Il-minuri komplew jallegaw li n-nannu patern kien jgħidilhom sabiex jaraw ċertu dvd's b'kontenut indiċenti. Illi mill-investigazzjoni tal-pulizija u mill-proceduri kriminali; irriżulta li s-supervisors tal-Aġenzija Appoġġ ikkoroboraw dak li ġie allegat mill-minuri waqt l-aċċess kontrollat. Għalhekk għandu jirriżulta b'mod ċar lil din l-Onorabbli Qorti mill-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti kompetenti, li l-pulizija ezekuttiva mexxiet bl-akkużi fil-konfront tal-attur

unikament wara li għamlet id-debiti verifiki tal-allegazzjonijet tal-istess minuri mal-persuni konċernati kollha u għalhekk iċ-ċirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda miżura li tista titqies bħala li mhiex legittima u ragjonevoli;

vi. Illi l-intimati jirrilevaw li fiċ-ċirkostanzi odjerni, jidher li permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex jitħallas kumpens mill-intimati talli l-pulzija ezekuttiva ħadet azzjoni li taqa fid-doveri u fl-obbligi tar-responsabbilitajiet tagħhom skont il-liġi; azzjoni li del resto l-uffiċċjali tal-Pulizija huma obbligati li jistitwixxu f'kaz ta' allegazzjoni ta' kommissjoni ta' reat u kwerela da parte tal-omm tal-istess minuri; liema allegazzjonijiet ġew debitament investigati skont il-liġi, kif ġie spjegat aktar fuq f'din ir-risposta;

vii. Illi għar-raġunijiet fuq esposti fi kwalunkwe każ, it-talbiet kif dedotti mhumiex attribwibbli għal xi nuqqas da parte tal-esponenti li għaldaqstant m'għandhomx jiġu soġġetti sabiex jħallsu xi danni f'forma ta' kera u/jew l-ispejjeż tal-avukat peress li mhux minnu li l-Uffiċċjali tal-Pulizija agixxew illegalment, abbuzivament u/jew b'negligenza fl-imsemmija proċeduri kriminali; a kuntrarju ta' dak li qed jallega l-attur;

viii. Salv eċċezzjonijet ulterjuri, jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kif dedotti fil-kawża in risposta; bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."

Rat ir-risposta ta' Rita Grech li tgħid hekk:

1. Illi preliminarjament, ir-rikors promotur huwa null u dan peress li t-talba ta' l-attur mhix ċara u wiaq anqas motivata, għalhekk l-esponenti ma tistax tirrispondi għal din it-talba.

2. Illi ma hemm ebda spjegazzjoni għaliex is-somma ta' sebat elef u mitejn ewro (€7200) għandha titħallas. Bid-dovut rispett, l-esponenti m'għandiex tkun ikkundannata tħallas kiri ta' appartament li b'xi mod mhux spjegat, għandu xi interess fih l-attur.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-pretensjoni tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta' l-esponenti u l'imsemmija talbiet għandhom ikunu miċħuda.

4. Illi fil-mertu, dawk il-proċeduri istitwiti la saru b'mod illegali, la b'mod abbusiv u lanqas b'negligenza da parti tal-klijenta tiegħi, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni tal-kawża odjerna.

5. Illi l-esponenti, waqt li kienet qiegħda tara lil uliedha, dawn ta' l-aħħar semmewlha inċident li kien ġara ma' l-attur.

6. Illi l-esponenti ħadet dak li kienu qalulha uliedha bis-serjeta' u naturalment, agixxiet kif kienet tagixxi kull omm, u cieo li wara li semgħet mingħand uliedha li kien hemm xi abbuż, din irraportat l-Għassa.

7. Illi naturalment ma jistax wieħed ikun ikkundannat iħallas danni wara li jagħmel dak li kien mistenni minnu.

8. Illi wara kollox, l-attur kien liberat minħabba l-fatt li ibnu, li għandu l-kura u l-kustodja taż-żewġ minuri in kwistjoni, fdata f'idejh, irtira l-kwerela likienet saret kontra missieru.

9. Illi di piu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti lanqas, m'għandhiex tkun ikkundannata tħallas b'mod partikolari, spejjeż tal-avukat li kien magħzul mill-attur għall-kawża li jemm referenza għalih fir-rikors promotur.

10. Illi għalhekk l-esponenti m'għandhiex tkun responsabbli li tħallas is-somma ta' disat elef ewro mitlub mill-attur.

11. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, l-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali tal-14 ta' Frar 2018.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Rita Grech tas-26 t'April 2018.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent tat-12 ta' Gunju 2018.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari imressqa mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali li jghidu hekk:

“1. Illi in linea preliminari, l-intimat Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur għall-azzjoni odjerna fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li dak li qed jintalab permezz tat-talbiet kif dedotti ma jaqax fil-mansjonijiet tiegħu;

2. Illi in linea preliminari, il-Kummissarrju tal-Pulizija lanqas m’hu l-legittimu kontradittur għall-azzjoni odjerna fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 stante li mhux responsabbli għall-lanjanzi kif dedotti fil-kawża in kwistjni u konsegwentment għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm xejn fil-kawża li jista jagħmel lill-intimat Kummissarju responsabli għal xi nuqqas fil-konfront tal-attur;”

**Principji legali u Gurisprudenza applikabbli ghall-kaz**

Fil-kawza **Il-Pulizija v. Giuseppe Calleja**, **App. Nru. 453 / 2013** b’fattispecie simili ghall-kawza in ezami l-Qorti qalet hekk:

> “L-ewwelnett jiġi osservat illi biex jittieħed proċediment għad-delitt kontemplat fl-artikolu 203A tal-Kodiċi Kriminali tinħtieġ il-kwerela tal-parti offiża. Dan hu hekk peress illi l-artikolu 203A jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 203(2) u (3) jgħoddu,

*mutatis mutandis*, għal delitt taħt l-imsemmi artikolu 203A. U l-artikolu 203(3) jipprovdi għall-ħtieġa tal-kwerela.

Issa f'dan il-każ f'ebda stadju ma ġiet preżentata xi kwerela f'forma ta' dokument – la da parti tal-minuri u lanqas da parti tal-ġenituri tagħha jew ta' xi ħadd ieħor kif provvdut fl-Artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali. Dan il-fatt per se, pero`, ma jfissirx li ma kienx hemm kwerela – ġaladarba l-każ beda quddiem il-Qorti Istruttorja kien applikabbli s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 390 tal-Kap 9 li jipprovdi li "jekk matul il-kumpilazzjoni l-imputat ma jitlobx u l-qorti *ex officio* ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-liġi". Fil-fatt minn eżami li din il-Qorti għamlet ta' l-atti, minn imkien ma jirriżulta li l-appellant (allura imputat) talab li ssir il-prova tal-kwerela. U minn imkien ma jirriżulta li l-ewwel Qorti ordnat li ssir tali prova. Di piu`, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, "fil-mument li A għażlet li hija trid tixhed f'dawn il-proċeduri kontra l-imputat u tkellmet mal-Pulizija dwar dak li kien ġara allura kien fid-dover tal-Pulizija li tmexxi kontra l-imputat".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et, Citaz. Nru. 1365/92** pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, inghad illi *biex il-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq irrelazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu jwasslu ghall kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess*

*konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi ... illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li linteress guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma pro et noe v. Emanuel Grixti, Appell Civili Nru. 506/03** pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Jannar 2007, inghad illi *b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu id-dritt jippretendi l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa lobbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha.*

**Fil-kawza Rikors Kostituzzjonali Numru: 22/01/RCP Raymond Gauci vs Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb), il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Onorevoli Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u Gvern Lokali u l-Avukat Generali,** deciza 27 ta' Gunju 2002, il-Qorti ezaminat l-eccezzjoni tal-legittimu kuntradittur u qalet hekk:

> Illi l-intimati jsostnu wkoll li jirrizulta ampjament mir-rikors odjern li l-ilmenti kollha tar-rikorrent jiskaturixxu mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Settembru 2001 u huma mmirati biex tigi mpunjata l-istess decizjoni in kwantu tilledi l-**Kostituzzjoni** u biex jigu mhassra l-effetti ta' l-istess decizjoni in kwantu li r-rikorrent jippretendi li l-estradizzjoni tieghu tkun oppressiva u ngusta fis-sens tal-**artikolu 20 (c) tal-Kap. 276** u kwindi a tenur ta' l-**artikolu 181B (2) tal-Kodici ta'**

> **Organizzazzjoni u Procedura Civili** l-uniku legittimu kontradittur in materja huwa l-Avukat Generali u b'hekk l-intimati l-ohra ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u jinhargu mill-kawza.

Illi l-**artikolu 181B (1)** jipprovdi li :-

> *"Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"*

Illi **l-artikolu 181 B (2)** jistipula li:-

> *"L-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarju li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar millkapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-iskop tal-emenda li saret f'dan l-artikolu msemmi permezz tal-**Att XXIV tal-1995** kienet intiza sabiex wiehed jiffacilita' r-rikors lejn il-Qrati f'kull kawza nkluzi f'kazi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jigu evitati tragitti nterminabbli dwar il-kwistjonijiet ta' min huwa legittimu kontradittur f'kawza kostituzzjonali, li sfortunatament il- Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li hafna drabi u wisq izjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali giet terminata fuq punti ta' procedura, minghajr ma l-Qorti ezaminat il-bazi talproblema kostituzzjonali mqajma, u dan kif jirrizulta fis-sentenzi **"Lucien Stafrace vs Agent Registratur tal- Qorti"** (Q.K. 9 ta' Novembru 1988); **"Onor. Lino Debono vs Magistrat Dr. Michael Mallia"** (Q.K. 19 ta' Frar 1990); **"Rita Portelli vs Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet Parlamentari et"** (Q.K. 22 ta' Lulju 1985) **"Angelo Vella vs L-Onor. Prim Ministru"** (Q.K. 18 ta' Lulju 1990); **"Carmelo sive Charles**

**Buttigieg vs Albert Mizzi bhala Chairman nomine"** (Q.K. 9 ta' Ottubru 1989); **"Carmelo sive Charles Delia vs Ir-Registratur tal-Qrati nomine"** (Q. K. 25 ta' April 1990); **"Edwin Bartolo et vs Agent Registratur tal-Qrati nomine"** (Q.K. 15 ta' Frar 1991); **"Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. 5 ta' April 1991) fost ohrajn.

Illi fil-kawza **Chetenram Sharma et vs Avukat Generali"** (Q.K. 6 ta' Gunju 1989) l-istess Qorti Kostituzzjonali proponiet it-*test* li sabiex wiehed jiddeciedi min ikun azzjonabbli ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali huwa dak li jiddetermina liema hija dik il-persuna li trid tkun citata sabiex tkun tista' taghti jew tipprovdi rimedju ghall-istess allegata vjolazzjoni, u din ma kienitx kwistjoni ta' nullita' ta' proceduri, izda *ai fin dei conti* dmir tal-Qorti li *"fid-diskriezzjoni wiesgha moghtija lilha taghti rimedju opportun, b'dawk il-mezzi procedure disponibbli u minghajr ma tilledi d-dritt ta' haddiehor".*

Illi dan il-moviment gdid fil-gurisprudenza nostrali, f'dak li din il-Qorti thoss li kien attentat serju sabiex jigi eleminat formalissimu esagerat, (bla pregudizzju ghal kwistjonijiet ta' mertu) fil-perspettiva ta' rikorsi kostituzzjonali, gie kkonfermat fis-sentenza **"Joseph Abela vs Onor. Prim Ministru"** (Q.K. 7 ta' Dicembru 1990) fejn gew identifikati llegittimi kontradditturi f'tali proceduri u cjoe':-

*"(i) L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, ghal kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-ligi;*

*(ii) Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew ifornixxu r-rimedji li ssentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali,* tissanzjona;

*(iii) Fit-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proceduri gudizzjarji".*

Illi dawn il-principji gew segwiti f'numru ta' kawzi fosthom **"Edwin Bartolo vs Agent Registratur tal-Qorti nomine et"** (Q.K. 15 ta' Frar 1991); **"Onor. Lorry Sant vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Q.K. 2 ta' April 1990); **"Paul Debono vs L-Agent Prim Ministru"** (Q.K. 7 ta' Dicembru 1990) u **"Major Philip Manduca vs Prim Ministru"** (Q.K. 23 ta' Jannar 1995) fost ohrajn.

Illi permezz ta' din l-emenda odjerna l-pozizzjoni llum giet kristalizzata, b'dan li llum wiehed jaf abbazi tal-**artikolu 181B tal-Kap 12,** il-persuna li trid tigi mharrka sabiex tirraprezenta lill-Awtoritajiet governattivi, pero' dan ma jfissirx, fl-opinjoni tal-Qorti, li t-test provdut fil-kawza fuq citata ta' **"Joseph Abela vs il-Prim Ministru"** gie ghal kollox eleminat u dan peress li meta l-allegazjoni ta' ksur ta' wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem tqum minn jew fuq proceduri li jkunu pendenti bejn il-partijiet, dawk il-partijiet ghandhom jifformaw parti mill-istess gudizzju, kemm ghaliex dawn ghandhom certament interess fl-istess proceduri u wkoll ghall-integrita' talgudizzju, u fil-fatt ma hemm xejn fl-artikolu citat li jimmilita kontra dan.

Illi f'dan l-isfond wiehed jasal biex jikkunsidra l-ilmenti tar-rikorrent f'din il-kawza fejn ma hemm l-ebda dubju li r-rikors odjern jiskaturixxu mid-decizjoni tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Gunju 2014, izda fl-isfond ta' dak li nghad iktar 'il fuq, dan ma jgibx per konsegwenza li huwa l-Avukat Generali biss li huwa l-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fil-kaz in kwistjoni il-Kap tad-Dipartiment indikat generalment bhala "Il-Pulizija" huwa l-Kummissarju tal-Pulizija. *Inoltre* b'analogija kif inghad fis-sentenza **"Angelo Vella vs L-Onor.Prim Ministru et"** (Q.K. 18 ta' Lulju 1990 – Vol. LXXIV. i.159 ) (ghax f'dak il-kaz il-Qorti kienet qed titkellem dwar il-Kummissarju tal-Pulizija) l-intimat, Il-Pulizija (Spettur Kevin Pulis) huwa wkoll legittimu kontradittur f'din il-kawza *stante* li fil-kawza kriminali li dwarha qed isir l-ilment kien certament parti, u dan ovvjament in rappresentanza tal-Kummisarju tal-Pulizija u b'hekk isegwi ghalhekk li huwa wkoll legittimu kontradittur f'din il-kawza, kif jindika l-okkju tal-kawza nnifisha.

Illi b'hekk kemm l-istess persuna, li ovvjament kienet qed tagixxi in rappresentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija u allura l-istess Kummissarju tal-Pulizija huma legittimi kontradditturi f'din il-kawza, u dan apparti dak li hemm provdut in konnessjoni ma' dan ta' l-ahhar fl-**artikolu 181B (1) tal-Kap 12,** mentri l-istess japplika ghall-Avukat Generali in vista ta' dak provdut fl-**artikolu 181 B (2) tal-Kap 12.**

Illi konsegwentament dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari mressqa mill-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur